MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Numru. 330/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joshua Gatt**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joshua Gatt, iben Benigno u Maria nee` Caruana, imwieled Pieta` nhar l-10 ta’ Frar 1989 u residenti gewwa Nru. 51B, Sqaq Brittaniku, Nru. 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 96589M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Awwissu 2011 u fiz-zmien ta’ qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. A. Demicoli LL.D. datata 20 ta’ Marzu 2009.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fil-waqt illi l-ewwel seduta f'din il-kawza giet mizmuma fid-29 ta' Frar 2012, l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013, u ghalhekk kwazi tlettax-il xahar wara li nbdiet din il-kawza. Waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, id-difiza spjegat illi l-ammissjoni ma kinitx wahda bikrija stante illi l-imputat kien qieghed jistenna illi tigi deciza kawza ohra kontra tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta (kawza fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Chris Pullicino) vs Wayne Delia, Christopher Philip Agius, Joseph Barbara u Joshua Gatt**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif presjeduta mill-Magistrat imsemmi, nhar it-12 ta' Frar 2013), f'liema kawza huwa kien qieghed *inter alia* jigi akkuzat li kiser kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli, nhar l-20 ta' Marzu 2009, ossia wahda mill-imputazzjonijiet dedotta kontra tieghu f'din il-kawza. L-imputat ghalhekk, qabel irregistra l-ammissjoni tieghu f'din il-kawza, stenna li jinghalqu l-proceduri quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, sabiex huwa ma jigix ikkundannat darbtejn ghall-istess reat. Jibqa' l-fatt madankollu illi l-imputat kellu kull opportunita` jirregistra ammissjoni bikrija f'din il-kawza b'dan illi sussegwentement, igib prova quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta illi huwa diga` kien gie kundannat dwar dik l-imputazzjoni, kif fil-fatt ghamel f'din il-kawza. Fil-fehma tal-Qorti, din kienet tattika difensjonali li ghazel l-imputat u fil-waqt li kellu kull dritt li jimxi b'dan il-mod, madankollu, ghall-fini ta' piena, ma jistax jibbenefika minn kunsiderazzjoni ta' ammissjoni bikrija f'din il-kawza.

Naturalment, izda, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat diga` instab hati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, permezz ta' sentenza moghtija fit-12 ta' Frar 2013 (a fol. 31 et seq) talli kiser kundizzjoni mposta fuqu permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. A. Demicoli LL.D. datata 20 ta' Marzu 2009 u ghalhekk mhux ser tittratta mieghu dwar din l-imputazzjoni.

Illi l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li fiha kundanna wahda in konnessjoni ma' serq aggravat, ghal liema reat huwa kien inghata liberta` kundizzjonata ghal perjodu ta' tliet snin. In oltre mis-sentenza datata 12 ta' Frar 2013, esebita a fol. 31 tal-process, jirrizulta wkoll illi l-imputat instab hati ta' serq aggravat u hsara volontarja, apparti l-ksur tal-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu precedenti, dwar liema imputazzjonijiet huwa gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin mid-data ta' dik is-sentenza u tpogga taht Ordni ta' Probation ghall-istess perjodu ta' zmien.

Illi min-naha l-ohra, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-kwantita` minima ta' droga eroina misjuba fil-pussess tal-imputat (mix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech moghtija fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, jirrizulta illi l-imputat u siehbu Fabian Vella kienu xtraw doza ta' €20 u kienu fit-triqthom sabiex jikkunsmaw din id-droga meta gew imwaqqfa mill-Pulizija [a fol. 9]). Il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech [a fol 9] u dikjarazzjoni tal-istess Spettur fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013). In oltre kemm id-difiza kif ukoll l-Ufficjal

Prosekutur, waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, iddikjaraw illi l-imputat segwa programm sabiex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u li ghandu s-*support* kontinwu ta' ommu li ssegwih kontinwament sabiex tara li ma jergax jaqa' f'dan il-vizzju. Id-difiza ddikjarat ukoll illi l-imputat ghandu impjieg fiss u jahdem bosta sighat *overtime*.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi. Madankollu, l-imputat diga` gie kkundannat darbtejn dwar serq aggravat ghal liema reati huwa nghata liberta` kundizzjonata darbtejn u tqieghed taht Ordni ta' Probation, kif gie spjegat izjed il'fuq. Ghal din ir-raguni, din il-Qorti thoss li ma jkunx idoneu illi l-imputat jerga' jibbenefika mill-Artikoli 7 u/jew 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, anke ghaliex huwa importanti li l-imputat jifhem illi li wiehed iwettaq reat u jikser il-ligi hija haga serja li dwarha irid ihallas il-kontijiet mas-socjeta`. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-element tad-deterrent huwa wkoll element importanti li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini ta' piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' multa ta' erba' mija u sebghin Ewro (€470) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tittratta mal-imputat dwar il-ksur tal-kundizzjoni mposta fuqu permezz

ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli fl-20 ta' Marzu 2009.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti konnessi mad-droga esebiti bhala Dokument JF2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------